DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2022/2128 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-27 ta' Ottubru 2022

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 dwar it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2019/21) *(BĊE/2022/37)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 12.1, it-tieni inċiż tal-Artikolu 18.1 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (Linja Gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali) (BĊE/2014/60) ([1]);

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 1(4) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510, (BĊE/2014/60), il-Kunsill Governattiv jista', f'kull ħin, jibdel l-għodda, l-istrumenti, ir-rekwiżiti, il-kriterji u l-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

(2) Fit-22 ta' Lulju 2019, fit-twettiq tal-għan li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet billi jiġu ppreżervati kundizzjonijiet ta' tislif bankarju favorevoli u b'ħekk jappoġġja l-pożizzjoni aġevolanti tal-politika monetarja fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, il-Kunsill Governattiv adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/21) ([2]). Din id-Deċiżjoni pprovdiet għat-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTROs-III) li għandhom jitwettqu matul il-perijodu minn Settembru 2019 sa Marzu 2021.

(3) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 (BĊE/2019/21), il-parametri u l-kundizzjonijiet tat-TLTROs-III ġew ikkalibrati mill-ġdid f'diversi okkażjonijiet, kif jitqies neċessarju u xieraq fid-dawl tar-riskji għall-istabbiltà tal-prezzijiet, il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja u l-prospetti ekonomiċi fiż-żona tal-euro eżistenti f'dak iż-żmien. Dawn l-aġġustamenti seħħew f'ambjent diżinflazzjonarju, li kien jeħtieġ pożizzjoni ta' politika monetarja aġevolanti ħafna biex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq terminu medju. B'mod partikolari, fit-12 ta' Settembru 2019, sabiex jiġu ppreservati kundizzjonijiet favorevoli ta' self bankarju, tiġi żgurata t-trażmissjoni bla xkiel tal-politika monetarja fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u biex tiġi appoġġata l-pożizzjoni aġevolanti tal-politika monetarja, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jibdel ċerti parametri tat-TLTROs-III, inkluż li jżid il-maturità tal-operazzjonijiet kollha minn sentejn għal tliet snin u jipprevedi tnaqqis fir-rati tal-imgħax applikabbli. Fit-12 ta' Marzu 2020, sabiex jappoġġa s-self mill-banek lil dawk l-aktar milquta mill-imxija tal-marda tal-coronavirus (COVID-19), b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jbiddel ċerti parametri tat-TLTROs-III, inkluż li jżid il-limitu fuq is-self. Barra minn hekk, nhar it-30 ta' April 2020, sabiex jingħata aktar appoġġ lill-għoti ta' kreditu lil unitajiet domestiċi u lil ditti f'dan iż-żmien ta' tfixkil ekonomiku u inċertezza kbira prevalenti, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jipprovdi tnaqqis temporanju addizzjonali fir-rati tal-imgħax applikati għat-TLTROs-III kollha taħt ċerti kundizzjonijiet ([3]). Fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill

([1]) ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Lulju 2019 dwar it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2019/21) (ĠU L 204, 2.8.2019, p. 100).

([3]) Deċiżjoni (UE) 2020/407 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Marzu 2020 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 dwar it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2020/13) (ĠU L 80, 17.3.2020, p. 23) u Deċiżjoni (UE) 2020/614 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/407 dwar it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2020/25) (ĠU L 141, 5.5.2020, p. 28) jimplimentaw dan it-tibdil.

Governattiv iddeċieda li jerġa' jikkalibra l-kundizzjonijiet tat-TLTROs-III bil-għan li jikkontribwixxi għall-preservazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli matul il-perijodu pandemiku, biex b'hekk jappoġġa l-fluss ta' kreditu għas-setturi kollha tal-ekonomija, jirfed l-attività ekonomika u jissalvagwardja l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq terminu medju. B'mod partikolari, ġie deċiż li jiġi estiż l-perijodu li matulu japplikaw termini konsiderevolment aktar favorevoli għal Ġunju 2022, jitwettqu tliet operazzjonijiet addizzjonali bejn Ġunju u Diċembru 2021, u jgħolew l-ammont totali li l-parteċipanti huma intitolati li jissellfu f'TLTROs-III. F'dak il-waqt, il-Kunsill Governattiv indika li baqa' lest biex jaġġusta l-istrumenti kollha tiegħu, kif xieraq, biex jiżgura li l-inflazzjoni tersaq lejn l-għan tiegħu b'mod sostnut, skont l-impenn tiegħu għas-simetrija ([4]).

(4) It-TLTROs-III, kif aġġustati meta meħtieġ, kellhom għalhekk rwol ewlieni fiż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet, b'mod partikolari matul il-fażi akuta tal-perijodu tal-pandemija, billi ppreżervaw kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli f'ambjent diżinflazzjonarju u appoġġaw il-pożizzjoni aġevolanti tal-politika monetarja meħtieġa biex jiġu indirizzati r-riskji negattivi severi għall-ekonomija u għall-istabbiltà tal-prezzijiet. Matul dak il-perijodu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ta kundizzjonijiet ta' finanzjament eċċezzjonalment favorevoli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu parteċipanti permezz tat-TLTROs-III, bil-ħsieb li jsostni s-self lill-ekonomija reali fi żmien ta' stress intens.

(5) Iż-żieda rapida u mhux mistennija fl-inflazzjoni għal livelli li huma mingħajr preċedent sa mill-introduzzjoni tal-euro, prinċipalment minħabba kostijiet għoljin mhux mistennija tal-enerġija u nuqqasijiet fil-provvista, u r-reviżjoni sostanzjali 'l fuq fil-prospettiva għall-inflazzjoni fuq terminu medju sa minn tmiem l-2021, titlob valutazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-pożizzjoni xierqa tal-politika monetarja. Il-prezzijiet tal-enerġija u tal-komoditajiet żdiedu drastikament wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna u t-tfixkil fil-kummerċ li rriżulta li aggravaw il-konġestjonijiet fil-provvista, żied l-inċertezza u intensifika l-pressjonijiet tal-inflazzjoni fis-setturi kollha. Din il-bidla drastika fiċ-ċirkostanzi ma setax jiġi previst la meta t-TLTROs-III ġew stabbiliti u lanqas meta l-kundizzjonijiet tagħhom ġew ikkalibrati mill-ġdid u kien dovut, sa ċertu punt importanti, għal xokkijiet esterni. Din il-bidla mhux mistennija u bla preċedent fiċ-ċirkostanzi, aggravata mill-konsegwenzi ekonomiċi tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, teħtieġ aġġustamenti fil-pożizzjoni tal-politika monetarja u kalibrazzjoni mill-ġdid tal-istrumenti kollha tal-politika monetarja, inkluż it-TLTROs-III. B'mod partikolari, il-Kunsill Governattiv beda triq aċċellerata u antiċipata tan-normalizzazzjoni tal-politika monetarja sabiex jiżgura li l-inflazzjoni tistabbilizza għall-mira ta' 2 % fuq terminu medju f'konformità mal-mandat tal-BĊE għall-istabbiltà tal-prezzijiet. Minn Diċembru 2021, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jwaqqaf ix-xiri nett ta' assi taħt il-Programm ta' Xiri ta' Assi u l-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija u, sussegwentement, li jżid ir-rati ta' politika ewlenin tal-BĊE b'total ta' 200 punt bażi sal-lum.

(6) Filwaqt li ż-żieda fir-rati ta' politika ewlenin s'issa ġiet trażmessa bla xkiel lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti fiż-żona tal-euro, iċ-ċirkostanzi attwali jeħtieġu aktar aċċellerazzjoni tat-trażmissjoni tal-politika tar-rati għall-kundizzjonijiet ta' finanzjament b'mod aktar wiesa'. It-termini tal-ipprezzar eżistenti tat-TLTROs-III jimplikaw li qabel u wara ż-żewġ perijodi tar-rata tal-imgħax speċjali li jvarjaw mill-24 ta' Ġunju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2022, ir-rata tal-imgħax applikabbli hija marbuta mar-rata tal-faċilità ta' depożitu jew ir-rata fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul il-ħajja kollha tal-operazzjoni rispettiva. Dan qed inaqqas ir-ritmu tan-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-self mill-banek u qed ixekkel il-kapaċità tal-BĊE li jwettaq il-mandat tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet. Fil-fatt, hekk kif ir-rati ta' politika jogħlew, ir-rata tat-TLTROs-III taġġusta biss gradwalment ħafna. Il-kundizzjonijiet attwali tat-TLTROs-III għalhekk joffru ftit inċentivi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu parteċipanti biex iħallsu lura l-ammonti tat-TLTROs-III pendenti tagħhom kmieni. Il-kundizzjonijiet attwali tat-TLTROs-III jikkontribwixxu wkoll għaż-żamma ta' karta tal-bilanċ akbar tal-Eurosistema li min-naħa tagħha taħdem kontra n-normalizzazzjoni tal-politika monetarja maħsuba. Dan għaliex id-daqs tal-karta tal-bilanċ ta' bank ċentrali huwa sinjal ewlieni tal-livell ta' aġevolazzjoni li l-politika monetarja tipprovdi lill-ekonomija u tinfluwenza direttament il-kost tal-likwidità fis-suq. Aġġustament fit-termini u l-kundizzjonijiet tat-TLTROs-III li jneħħi d-deterrent għall-ħlas lura bikri tal-parteċipanti tal-ammonti tat-TLTROs-III pendenti tagħhom għalhekk jiffavorixxi wkoll it-tnaqqis tal-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema, u jagħmilha aktar konformi mal-pożizzjoni attwali tal-politika monetarja. Għalhekk, l-aġġustament fit-termini u l-kundizzjonijiet tat-TLTROs-III għandu l-għan li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet billi jaċċellera n-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament u jnaqqas il-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema.

([4]) Deċiżjoni (UE) 2021/124 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Jannar 2021 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 dwar it-tielet serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2021/3) (ĠU L 38, 3.2.2021, p. 93) timplimenta dan it-tibdil.

(7) Fis-27 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Governattiv iddeċieda [li jadotta miżuri addizzjonali ta' politika monetarja bl-għan li jiżgura r-ritorn f'waqtu tal-inflazzjoni għall-mira tal-BĊE ta' 2 % fuq żmien medju. Il-Kunsill Governattiv iqis il-firxa sħiħa ta' miżuri adottati fis-27 ta' Ottubru 2022 bħala meħtieġa u proporzjonati għall-implimentazzjoni tal-pożizzjoni tal-politika monetarja adegwata biex terġa' tinkiseb l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq żmien medju. Bħala parti minn dan il-pakkett, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li r-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal kull TLTRO-III pendenti rispettiv għandha tiġi kkalkulata kif ġej: li tibda mit-23 ta' Novembru 2022 u sad-data tal-maturità jew id-data tal-ħlas lura bikri ta' kull TLTRO-III pendenti rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun indiċjata mal-medja tar-rati tal-imgħax ewlenin applikabbli tal-BĊE matul dan il-perijodu, għall-kuntrarju tal-ħajja ta' kull TLTRO-III rispettiv, sabiex tikkontribwixxi għall-proċess ġenerali tan-normalizzazzjoni tal-politika monetarja.

(8) Huwa kkunsidrat li r-rabta tar-rata tal-imgħax tat-TLTROs-III mar-rata medja tal-faċilità ta' depożitu jew ir-rata medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament għall-maturità li jifdal tat-TLTRO-III rispettiv hija adatta biex twassal għal aċċellerazzjoni fin-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament u tnaqqas il-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema, biex jintlaħaq l-għan li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Din il-miżura hija mistennija li żżid l-ispejjeż ta' finanzjament tal-banek, u b'hekk tikkontribwixxi għar-restawr f'waqtu tal-istabbiltà tal-prezzijiet fl-ambjent inflazzjonarju attwali. Barra minn hekk, iż-żieda fl-ispejjeż tal-finanzjament tal-banek li tirriżulta mill-kalibrazzjoni mill-ġdid tal-kundizzjonijiet tat-TLTROs-III hija mistennija li jkollha effett mhux negliġibbli fuq ir-rati tas-self. L-impatt tal-bidliet fil-kundizzjonijiet tat-TLTROs-III fuq ir-rati tas-self bankarju fl-aħħar mill-aħħar huwa mistenni li jkollu impatt sinifikanti 'l isfel fuq l-inflazzjoni fuq terminu medju. Barra minn hekk, il-bidliet fil-kundizzjonijiet tat-TLTROs-III huma mistennija wkoll li jneħħu deterrenti għall-ħlas lura bikri tas-self pendenti tat-TLTROs-III mill-istituzzjonijiet ta' self parteċipanti, u b'hekk inaqqsu l-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema u jikkontribwixxu għan-normalizzazzjoni ġenerali tal-politika monetarja.

(9) Ir-rabta tar-rata tal-imgħax tat-TLTROs-III mar-rata medja tal-faċilità ta' depożitu jew ir-rata medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament għall-maturità li jifdal tal-operazzjoni tat-TLTRO-III rispettiv ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ. Ma hemmx miżuri ta' politika monetarja inqas intrużivi u fl-istess ħin ugwalment effiċjenti biex jintlaħaq l-għan kemm li jwasslu għan-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament kif ukoll li jnaqqsu l-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema. Barra minn hekk, il-progress mixtieq lejn kundizzjonijiet monetarji u ta' finanzjament aktar stretti li l-ipprezzar aġġustat tat-TLTRO-III jkun fassal ma jistgħax jinkiseb b'mod aktar effiċjenti permezz ta' żidiet fir-rati.

(10) Kwalunkwe impatt negattiv potenzjali li l-bidliet proposti jista' jkollhom fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu parteċipanti huwa mmitigat billi jiġi ppreservat l-ipprezzar favorevoli attwalment applikabbli sat-22 ta' Novembru 2022, bl-introduzzjoni ta' dati addizzjonali ta' ħlas lura bikri li fihom dawn l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jħallsu lura l-ammonti tat-TLTROs-III pendenti tagħhom, billi jingħataw biżżejjed żmien biex jikkunsidraw mill-ġdid it-taħlita ta' finanzjament tagħhom qabel ma jidħlu fis-seħħ il-bidliet u billi jkomplu joffru rata tal-imgħax fuq it-TLTRO-IIIs li, anki wara l-bidla, tkun favorevoli meta mqabbla ma' opzjonijiet ta' finanzjament ibbażati fuq is-suq. Il-kalkolu tar-rata tal-imgħax eżistenti għandu għalhekk jinżamm għall-perijodu mid-data tas-saldu ta' kull TLTRO-III rispettiv sat-22 ta' Novembru 2022. Barra minn hekk, għandhom jiġu introdotti tliet dati addizzjonali ta' ħlas lura bikri volontarju sabiex il-parteċipanti tat-TLTRO-III jingħataw opportunitajiet addizzjonali biex itemmu jew inaqqsu l-ammont ta' TLTRO-III rispettiv qabel il-maturità.

(11) Minħabba l-importanza tal-għan li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet, it-tibdil tal-ipprezzar tat-TLTROs-III malajr kemm jista' jkun u mingħajr miżuri tranżitorji huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet maħsuba li jwasslu għan-normalizzazzjoni aċċellerat tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament u jnaqqsu l-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema. L-adozzjoni ta' miżuri tranżitorji tagħmel il-bidliet inqas effiċjenti biex iġiegħlu lill-banek jinnormalizzaw il-kundizzjonijiet tas-self u jżommu deterrenti qawwija għall-ħlas lura bikri, kif ukoll jirriskjaw li jċajpru s-sinjal ta' politika mwassal mill-miżura. Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza.

(12) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 (BĊE/2019/21) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 (BĊE/2019/21) hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (23) huwa mħassar;

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(29) 'perijodu tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP' tfisser il-perijodu mid-data tas-saldu tat-TLTRO-III rispettiva sat-23 ta' Ġunju 2020, jiġifieri, il-perijodu tar-rata tal-imgħax immedjatament qabel il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali (SIRP);

(30) 'perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP' tfisser il-perijodu mill-24 ta' Ġunju 2022 sal-ewwel waħda mit-22 ta' Novembru 2022 jew id-data ta' ħlas lura bikri tat-TLTRO-III rispettiv, kif applikabbli, jiġifieri, il-perijodu tar-rata tal-imgħax immedjatament wara l-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali (ASIRP);

(31) 'perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija' tfisser il-perijodu mid-data tas-saldu tat-TLTRO-III rispettiv sal-ewwel waħda mit-22 ta' Novembru 2022 jew id-data ta' ħlas lura bikri tat-TLTRO-III rispettiv, kif applikabbli, jiġifieri l-perijodu inkluż il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP, il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali, il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali u l-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP;

(32) 'l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax' tfisser il-perijodu mit-23 ta' Novembru 2022 sal-aktar data bikrija tad-data ta' maturità jew id-data ta' ħlas lura bikri tat-TLTRO-III rispettiv, kif applikabbli.";

2. L-Artikolu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Imgħax

1. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħuda b'self taħt kull waħda mill-ewwel seba' TLTROs-III minn parteċipanti li t-tislif nett eliġibbli tagħhom matul il-perijodu ta' referenza speċjali jkun daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju ta' tislif nett u li t-tislif nett eliġibbli tagħhom matul il-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali jkun inqas mill-parametru referenzjarju ta' tislif nett għandha tiġi kkalkolata kif ġej, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 (3a):

(a) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata medja tal-imgħax fuq il-faċilità ta' depożitu matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi. Ir-rata tal-imgħax riżultanti m'għandhiex tkun, fi kwalunkwe każ, ogħla minn minus 100 punt bażi;

(b) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun l-anqas waħda mir-rati li ġejjin:

(i) ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi;

(ii) ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewelinja tat-TLTRO-III rispettiv;

(c) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu fuq il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv;

(d) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu matul dak il-perijodu.

2. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħudin b'self taħt kull waħda mill-ewwel seba' TLTROs-III minn parteċipanti li s-self nett eliġibbli tagħhom matul il-perijodu ta' referenza speċjali u matul il-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali ikun anqas mill-parametru referenzjarju tat-tislif nett tagħhom iżda li s-self nett eliġibbli tagħhom matul it-tieni perijodu ta' referenza jaqbeż il-punt ta' riferiment tat-tislif nett għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

(a) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun l-anqas waħda mir-rati li ġejjin:

(i) ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi;

(ii) ir-rata tal-imgħax ikkalkolata skont id-devjazzjoni mill-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti, bħal kif stabbilit fil-punt (c);

(b) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun l-anqas waħda mir-rati li ġejjin:

(i) ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi;

(ii) ir-rata tal-imgħax ikkalkolata skont id-devjazzjoni mill-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti, bħal kif stabbilit fil-punt (c);

(c) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun anqas mir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv u tista' tkun baxxa daqs ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu tul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, skont id-devjazzjoni mill-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti;

(d) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun inqas mir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul dak il-perijodu u tista' tkun baxxa daqs ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu matul dak il-perijodu, skont id-devjazzjoni mill-parametru referenzjarju tal-ammont pendenti.

3. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħudin b'self taħt kull waħda mill-ewwel seba' TLTROs-III minn parteċipanti li t-tislif nett eliġibbli tagħhom matul it-tieni perijodu ta' referenza, il-perijodu ta' referenza speċjali u l-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali ikun inqas mill-parametru referenzjarju tat-tislif nett tagħhom għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

(a) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi;

(b) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi;

(c) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv;

(d) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul dak il-perjodu.

3a. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħuda b'self taħt kull wieħed mill-ewwel seba' TLTROs-III minn parteċipanti li s-self nett eliġibbli tagħhom matul il-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali jkun daqs jew jaqbeż il-punt ta' riferiment ta' tislif nett tagħhom għandha tiġi kkalkolata kif ġej, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(3b):

(a) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tiġi kkalkulata skont il-paragrafu 1(c), il-paragrafu 2(c) jew il-paragrafu 3(c), kif applikabbli;

(b) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tiġi kkalkolata skont il-paragrafu 1(a), il-paragrafu 2(a) jew il-paragrafu 3(a), kif applikabbli;

(c) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi. Ir-rata tal-imgħax riżultanti m'għandhiex tkun, fi kwalunkwe każ, ogħla minn minus 100 punt bażi;

(d) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu fuq il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv;

(e) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu matul dak il-perijodu.

3b. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħuda b'self taħt it-tmien TLTRO-III jew it-TLTROs-III sussegwenti minn parteċipanti li s-self nett eliġibbli tagħhom matul il-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali jkun daqs jew jaqbeż il-punt ta' riferiment ta' tislif nett għandha tiġi kkalkolata kif ġej, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(3b):

(a) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi. Ir-rata tal-imgħax riżultanti m'għandhiex tkun, fi kwalunkwe każ, ogħla minn minus 100 punt bażi;

(b) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu fuq il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv;

(c) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq il-faċilità ta' depożitu matul dak il-perijodu.

3c. Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal ammonti meħuda b'self taħt it-tmien TLTRO-III jew it-TLTROs-III sussegwenti minn parteċipanti li t-tislif nett eliġibbli tagħhom matul il-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali jkun inqas mill-parametru referenzjarju ta' tislif nett tagħhom għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

(a) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fuq dak il-perjodu nieqes 50 punt bażi;

(b) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin fuq il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv;

(c) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul dak il-perijodu.

4. Aktar dettalji dwar il-kalkoli tar-rati tal-imgħax huma stabbiliti fl-Anness I. Ir-rata tal-imgħax finali u d-*data* rilevanti dwar il-kalkolu tagħha, għandhom jiġu kkomunikati lill-parteċipanti f'konformità mal-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-III ippubblikat fuq is-sit web tal-BĊE.

5. L-imgħax għandu jitħallas bl-arretrati mal-maturazzjoni ta' kull TLTRO-III jew mal-ħlas lura bikri kif previst fl-Artikolu 5a, skont kif ikun applikabbli.

6. Jekk, minħabba l-eżerċitar ta' rimedji disponibbli għal BĊN skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji tiegħu, parteċipant ikun meħtieġ iħallas lura ammonti pendenti f'wieħed mill-ewwel seba' TLTROs-III qabel li d-*data* tal-imgħax relatata mat-tieni perijodu ta' referenza u l-perijodu ta' referenza speċjali tiġi kkomunikata lil dak il-parteċipant, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt kull waħda mill-ewwel seba' TLTROs-III u soġġetta għal ħlas lura obbligatorji għandha tkun: (a) għall-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi; (b) għall-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali, ir-rata tal-imgħax medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi; u (c) għall-perjodu tar-rata tal-imgħax qabel is-SIRP, ir-rata medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv sad-data li fiha l-ħlas lura kien meħtieġ li jsir mill-BĊN. Jekk dak il-ħlas lura jkun meħtieġ wara li d-*data* dwar l-imgħax relatat mat-tieni perijodu ta' referenza u mal-perijodu ta' referenza speċjali tkun ġiet ikkomunikata lill-parteċipant iżda qabel ma d-*data* relatata mar-rata tal-imgħax tal-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonalii tkun ġiet ikkomunikata lill-parteċipant, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt kull waħda mill-ewwel seba' TLTROs-III u soġġetti għal ħlasijiet lura obbligatorji għandha tiġi stabbilita skont il-paragrafi 1 sa 3. Jekk tali ħlas lura jkun meħtieġ wara li d-*data* relatata mar-rata tal-imgħax tal-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonili tkun ġiet ikkomunikata lill-parteċipant, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti ta' ħlas lura meħtieġa meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt kull waħda mill-ewwel seba' TLTROs-III għandha tiġi stabbilita skont il-paragrafi 1 sa 3a.

Jekk minħabba l-eżerċizzju ta' rimedji disponibbli għal BĊN skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji tiegħu, parteċipant huwa meħtieġ li jħallas lura ammonti pendenti fit-tmien TLTRO-III jew TLTROs-III sussegwenti qabel ma r-rata tal-imgħax li tirriżulta għall-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali tkun ġiet ikkomunikata lill-parteċipant, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt it-tmien TLTRO-III jew TLTROs-III sussegwenti u soġġett għal ħlas lura obbligatorju għandha tiġi stabbilita skont il-paragrafu 3c. Jekk tali ħlas lura ikun

meħtieġ wara li d-*data* relatata mal-imgħax tal-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali tkun ġiet ikkomunikata lill-parteċipant, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt it-tmien TLTROs-III jew tat-TLTROs-III sussegwenti u soġġett għal ħlas lura obbligatorju għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-paragrafi 3b u 3c.

7. Jekk il-kontropartijiet iħallsu lura b'mod volontarju l-ammonti bikrija mislufa f'waħda mill-ewwel seba' TLTROs-III f'konformità mal-Artikolu 5a qabel ma d-*data* relatata mal-imgħax tal-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali tkun ġiet ikkomunikata lilhom, ir-rata tal-imgħax għall-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-paragrafi 1(b), 2(b) u 3(b).";

3. fl-Artikolu 5a, huwa miżjud il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Minbarra l-għażliet ta' ħlas lura bikri previsti fil-paragrafu 1, il-parteċipanti għandu jkollhom ukoll l-għażla li jitterminaw jew inaqqsu l-ammont tat-TLTROs-III kkonċernati qabel il-maturità fi kwalunkwe waħda mid-dati addizzjonali ta' ħlas lura bikri li ġejjin:

(a) 23 ta' Novembru 2022;

(b) 25 ta' Jannar 2023;

(c) 22 ta' Frar 2023.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu u b'deroga mill-paragrafi 3 u 4 fir-rigward tal-iskedi ta' żmien għan-notifika ta' ħlas lura bikri maħsub u l-effett vinkolanti tiegħu, fejn parteċipant itemm jew inaqqas l-ammont tat-TLTROs-III kkonċernati fit-23 ta' Novembru 2022, huwa għandu jinnotifika lill-BĊN rilevanti mill-inqas ġimgħa qabel id-data addizzjonali ta' ħlas lura bikri li biħsiebu jħallas lura f'din id-data addizzjonali ta' ħlas lura bikri skont il-proċedura ta' ħlas lura bikri. In-notifika għandha ssir vinkolanti fuq il-parteċipant involut ġimgħa qabel din id-data ta' ħlas lura bikri.";

4. fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1, il-punti (f) u (g) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(f) jekk parteċipant jonqos milli jagħmel id-*data* relatata mat-tielet rapport jew ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-awditur tad-*data* relatata mat-tielet rapport disponibbli lill-BĊN rilevanti sal-iskadenza rilevanti speċifikata fil-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-III ippubblikat fuq is-sit web tal-BĊE, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) jekk jew id-*data* relatata mat-tielet rapport jew ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-awditur ta' dik id-*data* tasal għand il-BĊN rilevanti fi żmien il-perjodu ta' 14-il jum tal-kalendarju li jibdew fil-jum wara li tkun għaddiet l-iskadenza rilevanti, il-parteċipant, għal kull jum sakemm jiġi riċevut, għandu jġarrab penali ugwali għall-ammont pendenti totali meħud b'self mill-parteċipant taħt it-TLTROs-III diviż b' 1 000 000 (jew jekk dak l-ammont ikun inqas minn EUR 1 000, penali ta' EUR 1 000 għal kuljum sakemm jiġi riċevut). Il-penalitajiet imġarrba kuljum għandhom jiġu akkumulati u imposti fuq il-parteċipant mill-BĊN rilevanti wara li jirċievi d-*data* kollha relatata mat-tielet rapport jew il-valutazjoni tal-awditur ta' dik id-*data*. Id-*data* relatata mar-rata tal-imgħax relatata mat-tieni perjodu ta' referenza għandha tiġi kkommunikata mill-BĊN rilevanti lill-parteċipant fl-1 ta' Lulju 2022;

(ii) jekk jew id-*data* relatata mat-tielet rapport jew ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-awditur ta' dik id-*data* ma jiġux riċevuti mill-BĊN rilevanti fil-perijodu ta' 14-il jum tal-kalendarju speċifikat fil-punt (i), ir-rata tal-imgħax ikkalkulata skont l-Artikolu 5(1)(b), jew l-Artikolu 5(2)(b) jew l-Artikolu 5(3)(b) (jekk il-parteċipant ikun diġà ppartecipa f'wieħed mill-ewwel seba' TLTROs-III), jew bis-saħħa tal-Artikolu 5(3c)(a) (jekk il-parteċipant ikun ippartecipa fit-tmien TLTROs-III jew dawk sussegwenti), kif applikabbli, għandha tapplika matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali għall-ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt dawk it-TLTROs-III. Matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP, ir-rata tal-imgħax għandha tiġi kkalkulata skont l-Artikolu 5(1)(c) jew l-Artikolu 5(2)(c) jew l-Artikolu 5(3)(c) jew l-Artikolu 5(3c)(b), kif applikabbli. Matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, ir-rata tal-imgħax għandha tiġi kkalkolata skont l-Artikolu 5(1)(d) jew l-Artikolu 5(2)(d) jew l-Artikolu 5(3)(d) jew l-Artikolu 5(3c)(c), kif applikabbli. Jekk hija d-*data* relatata mat-tielet rapport li ma tiġix riċevuta mill-BĊN rilevanti fil-perijodu ta' 14-il jum tal-kalendarju speċifikat fil-punt (i), il-parteċipant għandu jeħel ukoll penali ta' EUR 5 000, li għandha tiġi imposta fuq il-parteċipant mill-BĊN rilevanti wara li jirċievi d-*data* kollha relatata mat-tielet rapport;

(g) jekk parteċipant jonqos milli jikkonforma b'mod ieħor mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(6) jew l-Artikolu 6(7) jew l-Artikolu 6(8a), ir-rata medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija ta' kull TLTRO-III rispettiv għandha tapplika għall-ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III, ħlief matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali u l-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali fejn għandha tapplika r-rata medja fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament nieqes 50 punt bażi matul kull tali perijodu, u ħlief matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv fejn għandha tapplika r-rata medja tal-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv;";

5. L-Anness I huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2022.

Magħmul fi Frankfurt am Main ,is-27 ta' Ottubru 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS

L-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1311 (BĊE/2019/21) hija emendata kif ġej:

Sezzjoni 3 hija mibdula b'li ġej:

"3. **Kalkolu tar-rata tal-imgħax**

A. Ħalli $NL_{Special}$ tindika l-ammont ta' tislif nett eliġibbli matul il-perijodu ta' referenza speċjali mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Marzu 2021.

$$NL_{Special} = NL_{Mar\ 2020} + \ldots + NL_{Mar\ 2021}$$

B. Ħalli $NL_{ADSpecial}$ tindika l-ammont ta' tislif nett eliġibbli matul il-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.

$$NL_{ADSpecial} = NL_{Ott.\ 2020} + \ldots + NL_{Diċ\ 2021}$$

C. Ħalli $NS_{Mar\ 2021}$ juri l-ammont miksub billi jingħadd it-tislif nett eliġibbli fuq il-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2021 u l-ammont pendenti fuq selfiet eliġibbli fil-31 ta' Marzu 2019; dan huwa kkalkulat bħala .

$$NS_{Mar\ 2021} = OL_{Mar\ 2019} + NL_{Apr\ 2019} + \ldots + NL_{Mar\ 2021}$$

Jiddenota issa b' *EX* id-devjazzjoni perċentwali ta' $NS_{Mar\ 2021}$ mill-parametru referenzjarju tal-ammont pendenti matul il-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2021, jiġifieri,

$$EX = \frac{(NS_{Mar\ 2021} - OAB)}{OAB} \times 100$$

EX titqarreb sal-eqreb 15-il pożizzjoni deċimali. Fejn *OAB* huwa żero, *EX* jitqies daqs 1.15.

E. Ħalli k_{pre} tindika l-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP mid-data tas-saldu tat-TLTRO-III rispettiv sat-23 ta' Ġunju 2020, $k_{special}$ tindika l-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali mill-24 ta' Ġunju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2021, $k_{adspecial}$ tindika l-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali mill-24 ta' Ġunju 2021 sat-23 ta' Ġunju 2022, k_{post} tindika l-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP mill-24 ta' Ġunju 2022 sal-aktar kmieni mit-22 ta' Novembru 2022 jew id-data tal-ħlas lura bikri tat-TLTRO-III rispettiv, kif applikabbli, k_{main} tindika l-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija mid-data tas-saldu tat-TLTRO-III rispettiv sa l-aktar kmieni mit-22 ta' Novembru 2022 jew id-data tal-ħlas lura bikri tat-TLTRO-III rispettiv, kif applikabbli, u k_{last} tindika l-perijodu tar-rata tal-imgħax mit-23 ta' Novembru 2022 sa l-aktar kmieni mid-data ta' maturità tat-TLTRO-III rispettiv jew id-data tal-ħlas lura bikri tat-TLTRO-III rispettiv, kif applikabbli.

Ħalli $\overline{MRO}_{k_{special}}$ tkun il-medja tar-rata tal-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament (MRO) applikabbli matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali mill-24 ta' Ġunju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2021 tat-TLTRO-III *k*, espressa bħala rata perċentwali annwali u ħalli $\overline{DF}_{k_{special}}$ tkun ir-rata medja tal-faċilità ta' depożitu (DF) applikabbli matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali mill-24 ta' Ġunju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2021 tat-TLTRO-III *k*, espressa bħala rata perċentwali annwali, jiġifieri:

$$\overline{MRO}_{k_{special}} = \frac{1}{n_{k_{special}}} \sum_{t=1}^{n_{k_{special}}} MRO_{k_{special},t}$$

$$\overline{DF}_{k_{special}} = \frac{1}{n_{k_{special}}} \sum_{t=1}^{n_{k_{special}}} DF_{k_{special},t}$$

Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $n_{k_{special}}$ tindika n-numru ta' jiem tal-perijodu $k_{special}$ ta' TLTRO-III *k* u, fejn l-MRO titwettaq taħt reġim ta' allokazzjoni sħiħa b'rata fissa, $MRO_{k_{special},t}$ tindika r-rata applikata lill-MRO fil-ġurnata *t* tal-perijodu $k_{special}$ tat-TLTRO-III *k*, jew, fejn l-MRO titwettaq taħt proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli, $MRO_{k_{special},t}$ tindika r-rata minima tal-offerta applikata lill-MRO fil-ġurnata *t* tal-perijodu $k_{special}$ ta' TLTRO-III *k*, u f'kull każ $MRO_{k_{special},t}$ hija espressa bħala rata perċentwali annwali. Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $DF_{k_{special},t}$ tindika r-rata applikata għad-DF fil-ġurnata *t* tal-perijodu $k_{special}$ tat-TLTRO-III *k*, u hija espressa bħala rata perċentwali annwali.

Ħalli $\overline{MRO}_{k_{adspecial}}$ tkun il-medja tar-rata tal-MRO applikabbli matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali mill-24 ta' Ġunju 2021 sat-23 ta' Ġunju 2022 tat-TLTRO-III k, espressa bħala rata perċentwali annwali u ħalli $\overline{DF}_{k_{adspecial}}$ tkun il-medja tar-rata DF applikabbli matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali mill-24 ta' Ġunju 2021 sat-23 ta' Ġunju 2022 tat-TLTRO-III k, espressa bħala rata perċentwali annwali, jiġifieri:

$$\overline{MRO}_{k_{adspecial}} = \frac{1}{n_{k_{adspecial}}} \sum_{t=1}^{n_{k_{adspecial}}} MRO_{k_{adspecial},t}$$

$$\overline{DF}_{k_{adspecial}} = \frac{1}{n_{k_{adspecial}}} \sum_{t=1}^{n_{k_{adspecial}}} DF_{k_{adspecial},t}$$

Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $n_{k_{adspecial}}$ tindika n-numru ta' jiem tal-perijodu $k_{adspecial}$ ta' TLTRO-III k u, fejn l-MRO titwettaq taħt reġim ta' allokazzjoni sħiħa b'rata fissa, $\overline{MRO}_{k_{adspecial}}$ tindika r-rata applikata lill-MRO fil-jum t tal-perijodu $k_{adspecial}$ tat-TLTRO-III k, jew, fejn l-MRO titwettaq taħt proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli, $\overline{MRO}_{k_{adspecial}}$ tindika r-rata minima tal-offerta applikata lill-MRO fil-jum t tal-perijodu $k_{adspecial}$ ta' TLTRO-III k, u f'kull każ $\overline{MRO}_{k_{adspecial}}$ hija espressa bħala rata perċentwali annwali. Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $\overline{DF}_{k_{adspecial}}$ tindika r-rata applikata għad-DF fil-jum t tal-perijodu $k_{adspecial}$ tat-TLTRO-III k, u hija espressa bħala rata perċentwali annwali.

Ħalli $\overline{MRO}_{k_{main}}$ tkun il-medja tar-rata MRO applikabbli mid-data tas-saldu tat-TLTRO-III k sa l-aktar kmieni mit-22 ta' Novembru 2022 jew id-data tal-ħlas lura tat-TLTRO-III k, kif applikabbli, espressa bħala rata perċentwali annwali u ħalli $\overline{DF}_{k_{main}}$ tkun il-medja tar-rata DF applikabbli mid-data tas-saldu tat-TLTRO-III k sa l-aktar kmieni tat-22 ta' Novembru 2022 jew id-data tal-ħlas lura ta' TLTRO-III k, kif applikabbli, espressa bħala rata perċentwali annwali, jiġifieri:

$$\overline{MRO}_{k_{main}} = \frac{1}{n_{k_{main}}} \sum_{t=1}^{n_{k_{main}}} MRO_{k_{main},t}$$

$$\overline{DF}_{k_{main}} = \frac{1}{n_{k_{main}}} \sum_{t=1}^{n_{k_{main}}} DF_{k_{main},t}$$

Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $n_{k_{main}}$ tindika n-numru ta' jiem tal-perijodu k_{main} ta' TLTRO-III k u, fejn l-MRO titwettaq taħt reġim ta' allokazzjoni sħiħa b'rata fissa, $\overline{MRO}_{k_{main}}$ tindika r-rata applikata lill-MRO fil-ġurnata t tal-perijodu k_{main} tat-TLTRO-III k, jew, fejn l-MRO titwettaq taħt proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli, $\overline{MRO}_{k_{main}}$ tindika r-rata minima tal-offerta applikata lill-MRO fil-ġurnata t tal-perijodu k_{main} ta' TLTRO-III k, u f'kull każ $\overline{MRO}_{k_{main}}$ hija espressa bħala rata perċentwali annwali. Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $\overline{DF}_{k_{main}}$ tindika r-rata applikata għad-DF fil-ġurnata t tal-perijodu k_{main} tat-TLTRO-III k, u hija espressa bħala rata perċentwali annwali.

Ħalli $\overline{MRO}_{k_{last}}$ tkun il-medja tar-rata tal-MRO applikabbli mit-23 ta' Novembru 2022 sal-aktar data bikrija tad-data tal-maturità tat-TLTRO-III k jew id-data tal-ħlas lura bikri tat-TLTRO-III k, kif applikabbli, espressa bħala rata perċentwali annwali u ħalli $\overline{DF}_{k_{last}}$ tkun il-medja tar-rata DF applikabbli mit-23 ta' Novembru 2022 sal-aktar data bikrija tal-maturità tat-TLTRO-III k jew id-data tal-ħlas lura bikri tat-TLTRO-III k, kif applikabbli, espressa bħala rata perċentwali annwali, jiġifieri:

$$\overline{MRO}_{k_{last}} = \frac{1}{n_{k_{last}}} \sum_{t=1}^{n_{k_{last}}} MRO_{k_{last},t}$$

$$\overline{DF}_{k_{last}} = \frac{1}{n_{k_{last}}} \sum_{t=1}^{n_{k_{last}}} DF_{k_{last},t}$$

Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $n_{k_{last}}$ tindika n-numru ta' jiem tal-perijodu k_{last} tat-TLTRO-III k u, fejn l-MRO titwettaq taħt reġim ta' allokazzjoni sħiħa b'rata fissa, $\overline{MRO}_{k_{last}}$ tindika r-rata applikata lill-MRO fil-ġurnata t tal-perijodu k_{last} tat-TLTRO-III k, jew, fejn l-MRO titwettaq taħt proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli, $\overline{MRO}_{k_{last}}$ tindika

r-rata minima tal-offerta applikata lill-MRO fil-ġurnata *t* tal-perijodu k_{last} tat-TLTRO-III *k*, u f'kull każ $\overline{MRO}_{k_{last}}$ hija espressa bħala rata perċentwali annwali. Fl-ekwazzjonijiet ta' hawn fuq $\overline{DF}_{k_{last}}$ tindika r-rata applikata għad-DF fil-ġurnata *t* tal-perijodu k_{last} tat-TLTRO-III *k*, u hija espressa bħala rata perċentwali annwali.

F. Ħalli l-aġġustament tal-inċentiv tar-rata tal-imgħax, fejn applikabbli, ikun indikat bħala *iri*, imkejjel bħala frazzjoni tal-kuritur medju bejn:

i) $\overline{MRO}_{k_{main}}$ u $\overline{DF}_{k_{main}}$ matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv; jew

ii) $\overline{MRO}_{k_{last}}$ u $\overline{DF}_{k_{last}}$ matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv.

G. Ħalli r-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għall-ħajja sħiħa ta' TLTRO-III *k* (rata tal-imgħax finali), espressa bħala rata perċentwali annwali, tiġi indikata r_k. Ħalli r-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal perijodu k_j, b' *j = pre, special, adspecial, post* jew *last*, tat-TLTRO-III *k*, espressa bħala rata perċentwali annwali, tkun indikata r_{k_j}.

H. Ir-rata tal-imgħax r_k hija definita bħala:

$$r_k = \frac{n_{k_{pre}}}{n_k} r_{k_{pre}} + \frac{n_{k_{special}}}{n_k} r_{k_{special}} + \frac{n_{k_{adspecial}}}{n_k} r_{k_{adspecial}} + \frac{n_{k_{post}}}{n_k} r_{k_{post}} + \frac{n_{k_{last}}}{n_k} r_{k_{last}}$$

Fl-ekwazzjoni ta' hawn fuq $n_{k_{pre}}$ tindika n-numru ta' jiem tal-perijodu k_{pre} tat-TLTRO-III *k* $n_{k_{post}}$ tindika n-numru ta' jiem tal-perijodu k_{post} tat-TLTRO-III *k*.

Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal kull TLTRO-III *k* hija kkalkolata kif ġej:

(1) Għal ammonti meħuda b'self fl-ewwel seba' operazzjonijiet, jiġifieri, jekk *k* = 1,..., 7:

(a) Jekk parteċipant ikun daqs jew jaqbeż il-parametru referezjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali u fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata DF matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż minus 100 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} \geq$ NLB, mela $r_{k_{special}} = \min(\overline{DF}_{k_{special}} - 0{,}50, -1)$;

(ii) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tad-DF matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż minus 100 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, mela $r_{k_{adspecial}} = \min(\overline{DF}_{k_{adspecial}} - 0{,}50, -1)$;

(iii) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettivi: il-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettivi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} \geq$ NLB u $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, mela $r_{k_{pre}} = r_{k_{post}} = \overline{DF}_{k_{main}}$;

(iv) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} \geq$ NLB u $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, mela $r_{k_{last}} = \overline{DF}_{k_{last}}$.

(b) Jekk parteċipant ikun daqs jew jaqbeż il-parametru referezjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali iżda ma jkunx daqs jew jaqbeż il-parametru referezjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perjodu ta' referenza speċjali addizzjonali, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu ta' rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata DF matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż minus 100 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} \geq$ NLB,

mela $r_{k_{special}} = \min(\overline{DF}_{k_{special}} - 0{,}50\ ,\ -1)$;

(ii) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali: l-inqas bejn il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi u l-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} \geq$ NLB u $NL_{ADSpecial} <$ NLB,

mela $r_{k_{adspecial}} = \min(\overline{MRO}_{k_{adspecial}} - 0{,}50\ ,\ \overline{DF}_{k_{main}})$;

(iii) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettivi: il-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija għat-TLTRO-III rispettivi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} \geq$ NLB u $NL_{ADSpecial} <$ NLB, mela $r_{k_{pre}} = r_{k_{post}} = \overline{DF}_{k_{main}}$;

(iv) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} \geq$ NLB u $NL_{ADSpecial} <$ NLB, mela $r_{k_{last}} = \overline{DF}_{k_{last}}$.

(c) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali iżda jkun daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali u jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti tiegħu ta' self eliġibbli matul it-tieni perijodu ta' referenza b'mill-inqas 1,15 %, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali: l-inqas bejn il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi u l-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata ta' imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Specjali} <$ NLB u $EX \geq 1{,}15$,

imbagħad *iri* = 100 % u $r_{k_{special}} = \min(\overline{MRO}_{k_{special}} - 0{,}50\ ,\ \overline{DF}_{k_{main}})$;

(ii) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tad-DF matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż minus 100 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, $NL_{Special} <$ NLB u $EX \geq 1{,}15$,

mela $r_{k_{adspecial}} = \min(\overline{DF}_{k_{adspecial}} - 0{,}50\ ,\ -1)$;

(iii) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettivi: il-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettivi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} <$ NLB, $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB u $EX \geq 1{,}15$,

imbagħad *iri* = 100 % u $r_{k_{pre}} = r_{k_{post}} = \overline{DF}_{k_{main}}$;

(iv) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} <$ NLB, $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB u $EX \geq 1{,}15$, mela *iri* = 100 % u $r_{k_{last}} = \overline{DF}_{k_{last}}$.

(d) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż is-self nett tal-parametru referenzjarju tiegħu fil-perijodu ta' referenza speċjali, ma jkunx daqs jew jaqbeż is-self nett tal-punt ta' referenza tiegħu fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali, iżda jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti tiegħu ta' self eliġibbli matul it-tieni perijodu ta' referenza b' tal-inqas 1,15 %, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu ta' rata ta' imgħax speċjali: l-inqas bejn il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi u l-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata ta' imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Specjali}$ < NLB u $EX \geq 1{,}15$,

imbagħad *iri* = 100 % u $r_{k_{special}} = \min(\overline{MRO}_{k_{special}} - 0{,}50\ ,\ \overline{DF}_{k_{main}})$;

(ii) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali: l-inqas bejn il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi u l-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial}$ < NLB, $NL_{Special}$ < NLB u $EX \geq 1{,}15$,

imbagħad *iri* = 100 % u $r_{k_{adspecial}} = \min(\overline{MRO}_{k_{adspecial}} - 0{,}50\ ,\ \overline{DF}_{k_{main}})$;

(iii) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettivi: il-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija għat-TLTRO-III rispettivi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special}$ < NLB, $NL_{ADSpecial}$ < NLB u $EX \geq 1{,}15$,

imbagħad *iri* = 100 % u $r_{k_{pre}} = r_{k_{post}} = \overline{DF}_{k_{main}}$;

(iv) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special}$ < NLB, $NL_{ADSpecial}$ < NLB u $EX \geq 1{,}15$,

imbagħad *iri* = 100 % u $r_{k_{last}} = \overline{DF}_{k_{last}}$.

(e) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali iżda jkun daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali u jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti ta' self eliġibbli matul it-tieni perijodu ta' referenza b'inqas minn 1,15 %, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP tat-TLTRO-III rispettiv: ir-rata tal-imgħax li hija gradwata b'mod lineari skont il-perċentwal li bih il-parteċipant jaqbeż l-ammont pendenti tal-parametru referenzjarju tiegħu, jiġifieri,

jekk $NL_{Special}$ < NLB u 0 < EX < 1,15,

mela $iri = \frac{EX}{1.15}$ u $r_{k_{pre}} = \overline{MRO}_{k_{main}} - (\overline{MRO}_{k_{main}} - \overline{DF}_{k_{main}}) \times iri$;

(ii) matul il-perjodu tar-rata tal-imgħax speċjali: l-inqas bejn il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi u r-rata ta' imgħax ikkalkulata skont il-punt (i), jiġifieri:

jekk $NL_{Special}$ < NLB u 0 < EX < 1,15,

mela $iri = \frac{EX}{1.15}$ u $r_{k_{special}} = \min\left(\overline{MRO}_{k_{special}} - 0{,}50\ ,\ \overline{MRO}_{k_{main}} - \left(\ (\overline{MRO}_{k_{main}} - \overline{DF}_{k_{main}})\right) \times iri\right)$;

(iii) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tad-DF matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż minus 100 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, $NL_{Special}$ < NLB u 0 < EX < 1,15 mela $r_{k_{adspecial}} = \min(\ \overline{DF}_{k_{adspecial}} - 0{,}50\ ,\ -1)$;

(iv) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special}$ < NLB, $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB u 0 < EX < 1,15,

mela $r_{k_{post}} = \overline{DF}_{k_{main}}$;

(v) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} < \text{NLB}$, $NL_{ADSpecial} \geq \text{NLB}$ u $0 < EX < 1{,}15$,

mela $r_{k_{last}} = \overline{DF}_{k_{last}}$.

(f) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali, ma jkunx daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali iżda jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti ta' self eliġibbli matul it-tieni perijodu ta' referenza b'inqas minn 1,15 %, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax speċjali: l-inqas bejn il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi u r-rata tal- imgħax ikkalkulata skont il-punt (iii), jiġifieri:

jekk $NL_{Special} < \text{NLB}$, u $0 < EX < 1{,}15$,

mela $iri = \frac{EX}{1.15}$ u $r_{k_{special}} = \min\left(\overline{MRO}_{k_{special}} - 0{,}50\ ,\ \overline{MRO}_{k_{main}} - (\ \overline{MRO}_{k_{main}} - \overline{DF}_{k_{main}}) \ \times iri\right)$;

(ii) matul il-perjodu addizzjoniali tar-rata tal-imgħax speċjali: l-inqas bejn il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi u r-rata ta' imgħax ikkalkulata skont il-punt (iii), jiġifieri:

jekk $NL_{Special} < \text{NLB}$, $NL_{ADSpecial} < \text{NLB}$ u $0 < EX < 1{,}15$,

mela $iri = \frac{EX}{1.15}$ u $r_{k_{adspecial}} = \min\left(\overline{MRO}_{k_{adspecial}} - 0{,}50\ ,\ \overline{MRO}_{k_{main}} - (\ \overline{MRO}_{k_{main}} - \overline{DF}_{k_{main}}) \ \times iri\right)$;

(iii) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettivi: ir-rata tal-imgħax li hija gradwata b'mod lineari skont il-perċentwal li bih il-parteċipant jaqbeż il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti tiegħu, jiġifieri,

jekk $NL_{Special} < \text{NLB}$, $NL_{ADSpecial} < \text{NLB}$ u $0 < EX < 1{,}15$,

mela $iri = \frac{EX}{1{,}15}$ u $r_{k_{pre}} = r_{k_{post}} = \overline{MRO}_{k_{main}} - (\overline{MRO}_{k_{main}} - \overline{DF}_{k_{main}}) \ \times iri$;

(iv) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: ir-rata tal-imgħax li hija gradwata b'mod lineari skont il-perċentwal li bih il-parteċipant jaqbeż l-ammont pendenti tal-parametru referenzjarju tiegħu, jiġifieri,

jekk $NL_{Special} < \text{NLB}$, $NL_{ADSpecial} < \text{NLB}$ u $0 < EX < 1{,}15$,

mela $iri = \frac{EX}{1{,}15}$ u $r_{k_{last}} = \overline{MRO}_{k_{last}} - (\overline{MRO}_{k_{last}} - \overline{DF}_{k_{last}}) \ \times iri$;

(g) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali, ma jaqbiżx il-punt ta' riferiment tal-ammont tiegħu fit-tieni perijodu ta' referenza, iżda jkun daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt TLTROs-III huwa:

(i) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tal-MRO matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} < \text{NLB}$ u $EX \leq 0$, mela $iri = 0\ \%$ u $r_{k_{pre}} = \overline{MRO}_{k_{main}}$;

(ii) matul il-perijodu speċjali tar-rata tal-imgħax: il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} < \text{NLB}$ u $EX \leq 0$, mela $r_{k_{special}} = \overline{MRO}_{k_{special}} - 0{,}50$;

(iii) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tad-DF matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż minus 100 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, $NL_{Special} <$ NLB and $EX \leq 0$

mela $r_{k_{adspecial}} = min(\overline{DF}_{k_{adspecial}} - 0{,}50\ ,\ -1)$;

(iv) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} <$ NLB, $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB u $EX \leq 0$, mela $r_{k_{post}} = \overline{DF}_{k_{main}}$;

(v) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} <$ NLB, $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB u $EX \leq 0$, mela $r_{k_{last}} = \overline{DF}_{k_{last}}$.

(h) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali, ma jkunx daqs jew ma jaqbiżx il-parametru referenzjarju tiegħu tat-tislif nett fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali u ma jaqbiżx il-punt ta' riferiment tal-ammont pendenti fit-tieni perijodu ta' referenza, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu speċjali tar-rata tal-imgħax: il-medja tar-rata tal-MRO matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} <$ NLB u $EX \leq 0$, mela $r_{k_{special}} = \overline{MRO}_{k_{special}} - 0{,}50$;

(ii) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tal-MRO fuq dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} <$ NLB, $NL_{ADSpecial} <$ NLB u $EX \leq 0$,

mela $r_{k_{adspecial}} = \overline{MRO}_{k_{adspecial}} - 0{,}50$;

(iii) matul il-perijodi tar-rata tal-imgħax ta' qabel is-SIRP u ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettivi: il-medja tar-rata tal-MRO matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija għat-TLTRO-III rispettivi, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} <$ NLB, $NL_{ADSpecial} <$ NLB u $EX \leq 0$,

mela *iri* = 0 % u $r_{k_{pre}} = r_{k_{post}} = \overline{MRO}_{k_{main}}$;

(iv) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tal-MRO matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{Special} <$ NLB, $NL_{ADSpecial} <$ NLB u $EX \leq 0$,

mela *iri* = 0 % u $r_{k_{last}} = \overline{MRO}_{k_{last}}$.

(2) Għal ammonti mislufa fit-tmien TLTROs-III jew fit-TLTROs-III sussegwenti, jiġifieri, jekk k = 8, 9 jew 10:

(a) Jekk parteċipant ikun daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tat-tislif nett tiegħu fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għal ammonti meħuda b'self minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu addizzjonali ta' rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tad-DF matul dak il-perijodu nieqes 50 punt bażi, li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż minus 100 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, mela $r_{k_{adspecial}} = min(\overline{DF}_{k_{adspecial}} - 0{,}50\ ,\ -1)$;

(ii) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, mela $r_{k_{post}} = \overline{DF}_{k_{main}}$;

(iii) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tad-DF matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} \geq$ NLB, mela $r_{k_{last}} = \overline{DF}_{k_{last}}$;

(b) Jekk parteċipant ma jkunx daqs jew jaqbeż il-parametru referenzjarju tat-tislif nett tiegħu fil-perijodu ta' referenza speċjali addizzjonali, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għall-ammonti mislufa minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-III hija:

(i) matul il-perijodu addizzjonali tar-rata tal-imgħax speċjali: il-medja tar-rata tal-MRO matul il-perijodu rispettiv nieqes 50 punt bażi, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} <$ NLB, mela $r_{k_{adspecial}} = \overline{MRO}_{k_{adspecial}} - 0{,}50$;

(ii) matul il-perijodu tar-rata tal-imgħax ta' wara l-ASIRP tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tal-MRO fuq il-perjodu tar-rata tal-imgħax ewlenija tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} <$ NLB, mela $r_{k_{post}} = \overline{MRO}_{k_{main}}$;

(iii) matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv: il-medja tar-rata tal-MRO matul l-aħħar perijodu tar-rata tal-imgħax tat-TLTRO-III rispettiv, jiġifieri:

jekk $NL_{ADSpecial} <$ NLB, mela $r_{k_{last}} = \overline{MRO}_{k_{last}}$.

L-aġġustament tal-inċentiv tar-rata tal-imgħax *(iri)* tiġi espressa bi tqarrib sa 15-il pożizzjoni deċimali.

Ir-rati tal-imgħax $r_{k_{pre}}$, $r_{k_{special}}$, $r_{k_{adspecial}}$,$r_{k_{post\ ,}}$ u $r_{k_{last}}$ huma espressi bħala rata perċentwali annwali mqarrba sa 13-il pożizzjoni deċimali.

$\overline{MRO}_{k_{special}}$, $\overline{MRO}_{k_{adspecial}}$, $\overline{MRO}_{k_{main}}$ *and* $\overline{MRO}_{k_{last}}$ huma espressi bħala rata perċentwali annwali mqarrba sa 13-il pożizzjoni deċimali.

$\overline{DF}_{k_{special}}$, $\overline{DF}_{k_{adspecial}}$, $\overline{DF}_{k_{main}}$ *and* $\overline{DF}_{k_{last}}$ huma espressi bħala rata perċentwali annwali mqarrba sa 13-il pożizzjoni deċimali.

Ir-rata tal-imgħax finali r_k hija espressa bħala rata perċentwali annwali, imqarrba 'l-isfel sar-raba' pożizzjoni deċimali."